

Brussell, 15 ta' April 2026  
(OR. en)

7901/1/26  
REV 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0135 (COD)

---

---

CODEC 584  
COPEN 119  
JAI 410  
DROIPEN 60

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fit-3 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikoli 82(1)(d), 83(1) u 83(2) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Ġunju 2023<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023<sup>3</sup>.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Novembru 2023<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> 9241/23.

<sup>2</sup> [https://www.edps.europa.eu/system/files/2023-06/23-06-28\\_combating\\_corruption\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/system/files/2023-06/23-06-28_combating_corruption_en.pdf)

<sup>3</sup> ĠU C, C/2024/886, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/886/oj>.

<sup>4</sup> ĠU C, C/2024/1048, 9.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1048/oj>.

5. Fis-26 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>5</sup>. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill<sup>6</sup> japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 1/26, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.
7. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

---

<sup>5</sup> 7632/26.

<sup>6</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.